MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 18/2006

**Carmel sive Charles Demicoli (K.I. 630358M)**

**Vs**

**H.P. Cole Limited (C20)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Jannar 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf disa` mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1982.27) ekwivalenti ghal tmien mija u hamsin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm850.99) stante illi l-attur kien impjegat mal-kumpanija konvenuta; il-kumpanija konvenuta baqghet ma hallsitx is-salarju ta' l-attur ghax-xhur ta' Frar, Marzu u nofs April 2005, ammontanti ghal elf tmien mija u erba` u disghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1894.81); peress illi l-attur huwa debitur versu s-

socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm168.82 prezz ta' oggetti mixtrija minnu, kif ukoll huwa thallas akkont tas-salarju tieghu fl-ammont ta' Lm1043.82, huwa jonqsu jithallas bilanc ta' tmien mija u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm850.99), hekk kif dettaljat fil-prospett hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok A; ghalhekk l-attur huwa kreditur tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' Lm850.99; l-kumpanija konvenuta baqghet ma hallsitx dan il-bilanc lill-attur, u minkejja li nterpellata diversi drabi baqghet inadempjenti; ghaldaqsant l-attur jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal:

1. Jiddikjara lill-kumpanija konvenuta debitrici ta' l-attur fis-somma ta' tmien mija u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm850.99) rapprezentanti bilanc tas-salarju dovut lilu ghax-xhur ta' Frar, Marzu u nofs April;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm850.99).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-ahhar ta' Frar 2005.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-13 ta' Gunju 2006 li permezz taghha eccepiet illi s-somma allegatament dovuta mill-konvenut kif rikjesta mill-attur hija kkontestata ghaliex eccessiva; illi minhabba din il-kontestazzjoni il-kontro-talba m'hijiex applikabbli; l-ispejjez kollha tal-procedura odjerna kontra l-attur li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-**Kontro-talba** tas-socjeta` konvenuta pprezentata kontestwalment li permezz taghha s-socjeta` konvenuta ppremettiet illi l-attur huwa debitur versu s-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm1053.82 prezz ta' oggetti mixtrija, kif ammess mill-attur stess fil-kawzali tat-talba tieghu.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-28 ta' Awissu 2007 li permezz taghha eccepiet illi t-talba kontenuta fil-kontro-talba tas-socjeta` H.P. Cole hija

nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur **Carmel Demicoli** li waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2008 xehed illi huwa beda jahdem ta' *business relations manager* mas-socjeta` konvenuta f'nofs is-sena 2003 sa' nofs April 2005. Jikkonferma li l-ammont li ghandu jiehu huwa ta' tmien mija u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm850.99). Jghid li minn Settembru tas-sena 2004 ma kienx qed jiehu s-salarju shih imbaghad f'Jannar 2005 ma baqax jircievi pagamenti. Jghid li s-salarju ta' Frar, Marzu u nofs April ma thallasx taghhom u dawn jammontaw ghal Lm1894.81. Imbaghad tela` kont ta' Lm168.82 li kienu oggetti li kien xtara hu li jhalli bilanc ta' Lm1725.99. Minn dan l-ammont naqqas xi pagamenti akkont li kien tah is-Sur Cole li jhalli total ta' Lm857. Hu jghid li kien jitkellem ma' Kenward Cole, id-direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta.

Sema` x-xhieda tal-istess attur **Carmel Demicoli** in kontro-ezami, li waqt ix-xhieda tat-18 ta' Frar 2009 xehed illi l-item a fol 2 tal-process fejn hemm miktub *"disbursements made by HP Cole"* jirrapprezentaw pagamenti li kien tah is-Sur Cole minn zmien ghal zmien biex jaslu f'akkordju. Jghid li dawn kien ihallashom cash u hu kien jiehu nota taghhom.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

<u>Ikkunsidra</u> :

Illi s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn tad-difiza taghha ghat-talba principali u l-kontro-talba taghhha, anke jekk jirrizulta mill-atti processwali illi kien hemm numru ta' differimenti ghall-provi tas-socjeta` konvenuta – li izda baqghet qatt ma ressqet provi.

Illi ghalhekk il-versjoni tal-fatti kif esposti mill-attur ghandhom jitwemmnu u t-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex din ma ghandiex tigi emnuta.

Illi di piu`, l-attur, kemm fix-xhieda tieghu u kif ukoll fl-istatement minnu maghmul u esebit ma’ l-Avviz promotur, Dok A, kien kostanti u konsistenti. Kien anke kredibbli meta naqqas mill-ammont li kien dovut lilu kwalisasi pagament li huwa rcieva minghand is-socjeta` konvenuta, anke jekk irceviha cash, minghajr ma hemm ricevuta – izda xorta wahda naqqasha di sua spontaneata, kif titlob minnu l-irgulija.

It-Tribunal ghalhekk ma ghandux ghalfejn jiddubita it-talba attrici u sejjer jakkolja filwaqt illi jichad il-kontro-talba.

**Ghaldaqatant**, it-Tribunal, wara illi ha c-cirkostanzi kollha tal-kaz u evalwa l-provi kollha prodotti, qieghed, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u l-kontro-talba taghha, jilqa` t-talba attrici u l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf, disa` mija u tnejn u tmenin Euro u seba` u ghoxrin centezmu (€1982.27) – gja Lm850.99 - kif mitluba fl-Avviz u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghax fuq is-somma hawn msemmija mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------